



Brussell, 30 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

12481/20

AGRI 390
AGRIFIN 105
FIN 807

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10760/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 04/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "L-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' immaġni għall-monitoraġġ tal- Politika Agrikola Komuni: b'mod ġenerali sar progress kostanti, iżda għall-monitoraġġ tal-klima u tal-ambjent dan seħħ aktar bil-mod" <i>- Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 04/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' immaġni għall-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni: b'mod ġenerali sar progress kostanti, iżda għall-monitoraġġ tal-klima u tal-ambjent dan seħħ aktar bil-mod", kif adottat bil-proċedura bil-miktub fis-6 ta' Ottubru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 04/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu:

"L-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' immaġni għall-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni: b'mod ġenerali sar progress kostanti, iżda għall-monitoraġġ tal-klima u tal-ambjent dan seħħ aktar bil-mod"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 04/2020 tal-Qorti bit-titlu "L-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' immaġni għall-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni: b'mod ġenerali sar progress kostanti, iżda għall-monitoraġġ tal-klima u tal-ambjent dan seħħ aktar bil-mod", li jeżamina sa liema punt il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jużaw dawn it-teknoloġiji ġodda għall-ġestjoni u l-kontroll tal-Politika Agrikola Komuni (PAK);
2. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tippromwovi "verifiki permezz tal-monitoraġġ" bħala sistema ta' kontroll ewlenija għall-aġenziji tal-pagamenti, biex isir użu aħjar ta' teknoloġiji ġodda għall-monitoraġġ tar-rekwiżiti ambjentali u klimatiċi u biex jiġu żviluppati pjanijiet ta' azzjoni biex jitneħħew l-ostakli għall-adozzjoni usa' tagħhom;
3. JAGĦRAF il-potenzjal tal-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' immaġni, bħad-data satellitari Copernicus Sentinel, immaġnijiet meħuda minn droni u immaġnijiet ġeotikkettati, għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK, pereżempju għall-valutazzjoni tal-konformità tal-bdiewa mar-regoli tal-PAK, bħall-ġhajna diretta bbażata fuq iż-żona lill-bdiewa, u għall-monitoraġġ tal-konformità u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni tar-rekwiżiti klimatiċi u ambjentali;

4. JISSOTTOLINJA li tranżizzjoni għal approċċ ta' "verifiki permezz tal-monitoraġġ" teħtieġ bidliet sinifikanti fil-proċeduri tal-aġenziji tal-pagamenti u fis-sistemi tal-IT, ir-riżorsi u l-għarfien espert u JENFASIZZA li tingħata aktar konsiderazzjoni f'dan ir-rigward lill-eżiti possibbli ta' awditi futuri tal-Kummissjoni taħt l-approċċ il-ġdid, l-użu parallel ta' sistemi ta' monitoraġġ tradizzjonali u ġodda matul perijodu ta' tranżizzjoni, l-oġettiv ġenerali li tiġi ssimplifikata l-PAK, inkluż is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAC), u li jiġu limitati l-piż amministrattiv u l-ispejjeż għall-amministrazzjonijiet u l-benefiċjarji;
5. IQIS li l-approċċ ta' "verifiki permezz tal-monitoraġġ" għandu l-potenzjal li jipprevjeni n-nuqqas ta' konformità aktar milli jippenalizza lill-bdiewa wara iżda JAPPELLA lill-Kummissjoni biex toħroġ linji gwida dwar "verifiki permezz tal-monitoraġġ" sabiex l-aġenziji tal-pagamenti jieħdu d-deċiżjonijiet it-tajba u jnaqqsu r-riskju ta' korrezzjonijiet finanzjarji futuri bħala riżultat tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità tal-Kummissjoni;
6. IFAKKAR li l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-użu ta' teknoloġija u għarfien ġodda, b'mod partikolari tat-teknoloġiji diġitali, għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-politika agroambjentali u klimatika u biex tingħata spinta lill-użu ta' data u informazzjoni sħiħa, libera u miftuħa, tinsab fil-proċess li tiġi fformulata peress li l-proposti leġislattivi tal-PAK wara l-2020 bħalissa qed jiġu nnegożjati mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew; JAFFERMA f'dan il-kuntest li l-ożservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti kif ukoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għar-Rapport Speċjali tal-Qorti ser jitqiesu kif xieraq fid-deliberazzjonijiet tal-Kunsill.
